

Brussell, 4 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

9604/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0138(BUD)

FIN 606

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Awstrija, lill-Polonja, liċ-Ċekja, lis-Slovakkja u lill-Moldova b'rabta mal-għargħar li seħħ f'Settembru 2024 u lill-Bożnija-Ħerzegovina b'rabta mal-għargħar li seħħ f'Ottubru 2024

2025/0138 (BUD)

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Awstrija, lill-Polonja, liċ-Ċekja, li-Slovakkja u lill-Moldova b'rabta mal-għargħar li seħħ f'Settembru 2024 u lill-Bożnija-Herzegovina b'rabta mal-għargħar li seħħ f'Ottubru 2024

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027², u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda³, u b'mod partikolari l-punt 10 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2002/2012/oj>.

² ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>.

³ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.

Billi:

- (1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex tintwera solidarjetà mal-popolazzjonijiet tar-reġjuni milquta minn diżastri naturali reġjonali jew minn emerġenza maġġuri tas-saħħa pubblika.
- (2) Il-Fond ma għandux jaqbeż il-limiti massimi kif stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093, kif emendat mir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765¹.
- (3) Fid-29 ta' Novembru 2024, l-Awstrija ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, wara l-għargħar f'Settembru 2024.
- (4) Fid-29 ta' Novembru 2024, il-Polonja ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Fond, wara l-għargħar f'Settembru 2024.
- (5) Fl-4 ta' Diċembru 2024, iċ-Ċekja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond wara l-għargħar f'Settembru 2024.
- (6) Fis-7 ta' Diċembru 2024, is-Slovakkja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond wara l-għargħar f'Settembru 2024.
- (7) Fil-5 ta' Diċembru 2024, il-Moldova ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond wara l-għargħar f'Settembru 2024.
- (8) Fis-27 ta' Diċembru 2024, il-Bożnija-Herzegovina ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond wara l-għargħar f'Ottubru 2024.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj>).

- (9) Dawk l-applikazzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Fond jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lill-Awstrija, lill-Polonja, liċ-Ċekja, lis-Slovakkja, lill-Moldova u lill-Bożnija-Ħerzegovina.
- (11) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed biex jiġi mobilizzat il-Fond, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat kif ġej f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament b'rabta mad-diżastri naturali:

- (a) l-ammont ta' EUR 42 789 075 għandu jingħata lill-Awstrija b'rabta mal-għargħar ta' Settembru 2024;
- (b) l-ammont ta' EUR 75 998 939 għandu jingħata lill-Polonja b'rabta mal-għargħar ta' Settembru 2024;
- (c) l-ammont ta' EUR 113 979 781 għandu jingħata liċ-Ċekja b'rabta mal-għargħar ta' Settembru 2024;
- (d) l-ammont ta' EUR 2 108 187 għandu jingħata lis-Slovakkja b'rabta mal-għargħar ta' Settembru 2024;
- (e) l-ammont ta' EUR 195 196 għandu jingħata lill-Moldova b'rabta mal-għargħar ta' Settembru 2024;
- (f) l-ammont ta' EUR 45 669 725 għandu jingħata lill-Bożnija-Ħerzegovina b'rabta mal-għargħar ta' Ottubru 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika minn ... *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President

* *Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.*